Miġjuba lilkom mill- **MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI**

Transport Malta

# KIF MALTA QED TGĦIN VAPURI KBAR JUŻAW ENERĠIJA AKTAR NADIFA





*Qatt rajt vapur kbir wieqaf u ankrat f'port? Dawn il-vapuri, li jissejħu "cruise liners", huma bħal bliet li jżommu f'wiċċ l-ilma. Għandhom kċejjen, ħafna dwal u anke arja kundizzjonata! Iżda għandhom bżonn l-enerġija biex iżommu dan kollu jaħdem, anke meta ma jkunux qed jiċċaqalqu.*

Normalment il-vapuri jkollhom l-enerġija billi jħaddmu l-magni tagħhom, anke meta jkunu ankrati. Iżda dan jista' joħloq ħafna dħaħen u storbju, li mhumiex tajbin għall-ambjent u wisq anqas għan-nies li jkunu jgħixu fil-qrib. Għalhekk Malta ħarġet b'idea għaqlija li tgħin lill-vapuri u lill-ambjent ta' madwarna fl-istess ħin! Apparti minn hekk qed tkompli tgħin lid-dinja fl-użu ta' mezzi ta' enerġija aħjar u aktar nodfa li jipproteġu u jħarsu lin-natura u l-ibħra ta' madwarna.

## SISTEMA TA' ENERĠIJA B'KAPAĊITÀ TA' PLAGG KBIRA GĦALL-BASTIMENTI

Meta tiċċarġja t-tablet jew il-console tal-logħob tiegħek, bħal xi Playstation jew Xbox, twaħħalha ma' socket tad-dawl bl-użu ta' plagg, mhux hekk? Saħansitra anke pajjiżna bena sockets kbar speċjali fil-portijiet tagħna tal-Belt Valletta u Marsaxlokk, li jistgħu jużawhom dawn il-vapuri kbar! Din is-sistema tissejjaħ "Onshore Power Supply", li fil-qosor nirreferu għaliha bħala OPS, u kif tagħtina x'nifhmu din il-kelma bl-Ingliż, hija sors ta' enerġija li tingħata mix-xatt tal-port u tforni lill-vapur bl-enerġija għall-magni tiegħu.

## X'INHU L-PROĊESS TA' DAN KOLLU?

- Meta bastiment jidħol fil-port, minflok iżomm il-magni tiegħu jaħdmu jidħol isorġi fil-port u jwaħħal ma' wieħed minn dawn is-sockets elettriċi kbar li hemm f'magni apposta tal-enerġija elettrika li jinsabu fil-port.
- Il-vapur imbagħad jieħu elettriku nadif mill-art biex iħaddem id-dawl, it-tagħmir u l-apparat abbord li jirrikjedi l-enerġija elettrika.
- Dan ifisser li l-vapur ma jkollux għalfejn jaħraq fjuwil u għaldaqstant jassigura li nkomplu nżommu arja nadifa fil-portijiet u l-madwar, kif ukoll neliminaw l-istorbju u nħallu l-komunitajiet li jgħixu fil-viċin fil-kwiet.





## DAN IL-PROĊESS GĦALIEX HUWA TA' BENEFIĊĊJU?

L-użu ta' dawn is-sockets kbar tal-enerġija elettrika huwa importanti għal diversi raġunijiet:

1. Kwalità ta' arja aħjar: Il-bastimenti ma jagħmlux daqstant duħħan u b'hekk l-arja tkun aktar friska u nadifa għalina lkoll.
2. Baħar aktar nadif: Importanti wkoll li nieħdu ħsieb l-ekosistema tal-baħar tagħna, il-ħut u l-annimali kollha li jgħixu taħt il-baħar, għax dawn ukoll jgħinu għal ambjent aktar nadif għal kulħadd.
3. Portijiet aktar kwieti: Mingħajr il-magni jaħdmu jkun hemm ħafna aktar kwiet, li hu ta' benefiċċju għan-nies li jgħixu fil-qrib.
4. Komunitajiet aktar b'saħħithom: Familji qrib il-port jistgħu jgawdu arja aktar nadifa u inqas storbju, u jgħixu ħajja aktar pjaċevoli matul il-ħin kollu tal-ġurnata.

## KEMM-IL VAPUR JISTGĦU JAQBDU MA' DIN IS-SISTEMA TAL-ONSHORE POWER SUPPLY?

Pajjiżna għandu 17 minn dawn il-plugs u sockets kbar speċjali fl-akbar port tagħha, il-Port il-Kbir fil-Belt Valletta. Dan ifisser li l-port tant sabiħ tagħna, li hu importanti ħafna kemm fl-Ewropa kif ukoll internazzjonalment, jagħti l-opportunità ta' ħafna postijiet għall-vapuri biex iqabbdu! Ta' min jgħid ukoll li s-saħħa tal-enerġija elettrika li jagħti l-Port il-Kbir tagħna tiflaħ tingħata lil ħames vapuri mqabbdin f'daqqa fl-istess ħin! Dan jgħin ħafna lill-ambjent, għax inqas bastimenti li jidħlu fil-port u jużaw l-ibħra ta' madwarna jagħmlu l-istorbju jew jitfgħu d-duħħan.

Malta u Għawdex aktar nodfa għal kulħadd

Din is-sistema mhix importanti biss għall-gżejjer tagħna iżda hi ta' importanza qawwija għad-dinja kollha! Bl-użu tas-sistema tal-OPS Malta u Għawdex qed juru kif nistgħu nieħdu ħsieb id-dinja tagħna filwaqt li xorta ngħinu lill-vapuri jagħmlu xogħolhom. Forsi xi darba l-portijiet madwar id-dinja kollha fil-pajjiżi kollha li jmissu mal-baħar ikollhom dawn il-plaggs kbar ukoll!

## GĦALIEX IMPORTANTI?

Meta nsibu modi aktar intelliġenti u ideali biex ngħinu lill-ambjent tagħna, bħall-enerġija nadifa għall-vapuri, inkunu qed ngħinu wkoll id-Dinja ssir post aħjar: arja aktar nadifa, postijiet aktar kwieti u nies aktar ferħanin! Dan kollu jgħin biex nieħdu ħsieb li d-Dinja tagħna tibqa' nadifa kemm issa kif ukoll fil-futur!

Allura d-darba li jmiss tara vapur kbir f'port ibda aħseb daqsxejn dwar kif l-enerġija elettrika u nadifa li tgħaddi minn dawn is-sockets kbar tgħin biex l-arja u l-ilma tagħna jkunu dejjem aktar nodfa!